# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 954/2015/LSO**

**Taddeo Xerri *sive* Taddeo Scerri (K.I.475055M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent datat 8 ta' Ottubru 2015 fejn espona: -

Illi l-kunjom ta' l-esponent fuq l-att tat-twelid (mmarkat bhala 'Dok A') taht l-intestaturi *"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* huwa ndikat bhala "Xerri".

Illi l-kunjom 'Scerri' jidher fuq l-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent (mmarkat bhala 'Dok B'), l-att tal-mewt ta' missier ir-rikorrent (mmarkat bhala 'Dok C'), il-karta tal-identita` tar-rikorrent (kopja mmarkata bhala 'Dok D'), u anke jidher ukoll fuq il-passaport tar-rikorrent (kopja u mmarkata bhala 'Dok E').

Illi ricentement ir-rikorrent applika ghat-tigdid tal-passaport u kien infurmat li kunjomu kien ser jigi ndikat bhala 'Xerri' minflok bhala 'Scerri', kif kien fuq il-passaport precedenti, u dan abbazi tal-kunjom kif indikat fl-att tat-twelid tieghu.

Illi *nonostante* s-suespost, kunjom ir-rikorrent fuq l-att tat-twelid tieghu jidher bhala 'Xerri' u r-rikorrent jixtieq, ghar-ragunjiet imsemmija fil-paragrafi hawn fuq u ghaliex tali inkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet prattici ir-rikorrent, li *ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li l-kunjom fuq l-att tat-twelid tieghu jidher bhala 'Scerri'.

Ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artiklu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestaturi *"'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* il-kunjom 'Xerri' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Scerri'; u

3. Tordna, ghall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk joghgobha din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili msemmi fil-paragrafu precidenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Novembru 2015 (fol 19) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-

debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Taddeo Xerri sive Taddeo Scerri'* u mhux *'Taddeo Scerri' stante* li l-kunjom 'Scerri' ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u hamsin (4750) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u hamsin (1955);

4. Illi ghal kull bon fini, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, cioe` Taddeo Xerri, ma' hemm ebda kunjom imnizzel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid, ‘il ghaliex dak iz-zmien skont il-ligi Maltija, kien hemm il-prezunzjoni illi l-ulied fiz-zwieg kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, kif diga premess mir-rikorrent stess, kunjom il-missier fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent tnizzel bhala 'Xerri.'

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponent jeccepixxi illi kunjom il-missier tar-rikorrent tnizzel fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent skont ma jirrizulta li gie ddikjarat minn missier ir-rikorrent, cioe` 'Paul Xerri', bhala dikjarant fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u hamsin (4750) tas-sena elf, disa'

mija, hamsa u hamsin (1955). *Stante* li l-Att tat-Twelid qabel ma jghaddi ghar-registrazzjoni jigi moghti lil min ikun ghamel in-notifika tat-twelid sabiex jiccekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-att. F'dan il-kaz, missier ir-rikorrent iffirma l-att, b'dan li allura jidher illi accetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrent minn "Xerri" ghal "Scerri", salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u hamsin (4750) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u hamsin (1955) u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi f'dak iz-zmien li gie registrat l-imsemmi att ta' twelid u ossia fis-sena 1955, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant, l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma il-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kien proprju missier ir-rikorrent, cioe` Paul Xerri li kien id-dikjarant u ta' l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fl-att ta' twelid tar-rikorrent u sahansitra ffirma l-istess att.

7. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li

ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Francesca Galea Cavalazzi ghar-rikorrent u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Id-difensur tal-attur iddikjarat li qed tirrinunzja ghat-talba dwar il-kap tal-ispejjez kontra l-intimat. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors, fejn qablu li l-kunjom ta' missier ir-rikorrent kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess missier huwa "Scerri". Dr Borg da parti taghha ddikjarat li t-talba hija ghall-korrezzjoni ta' zball taht it-253(1)tal-Kap16. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-publikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-12 ta' Ottubru 2015 (fol 14) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent talab li ssir id-debita korrezzjoni anke skont dak eccepit fit-tieni eccezzjoni tal-intimat, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 (fol 26), u sussegwentement saret il-korrezzjoni rikjesta skont il-ligi. Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Illi r-rikorrent qed isostni li sar zball fl-att tat-twelid tieghu *stante* li fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u wkoll fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm" hemm indikat il-kunjom "Xerri" minflok "Scerri".

**Taddeo Xerri** xehed b'affidavit (fol 28) fejn qal li fl-att tat-twelid tieghu, l-kunjom huwa mnizzel bhala "Xerri" u mhux "Scerri". Semma li fl-att tat-twelid ta' missieru, u fl-att tal-mewt ta' missieru l-kunjom huwa indikat bhala "Scerri".

Jirrizulta mill-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent, esebit bhala **Dok B** a fol 5 huwa evidenti li l-kunjom huwa "Scerri". Dan hu sorrett ukoll bl-att tal-mewt ta' Paolo Scerri, missier ir-rikorrent, li jinsab esebit bhala **Dok C** a

fol 6 fejn il-kunjom hu mnizzel bhala "Scerri". Ir-rikorrent esebixxa wkoll certifikat taz-zwieg tieghu u l-atti tat-twelid taz-zewg uliedu fejn il-kunjom jinsab inikat bhala "Scerri". (fol 32-34).

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija sodisfatta li sar zball meta gie ndikat il-kunjom "Xerri" minflok "Scerri" fl-att tat-twelid tar-rikorrent. Dan gie dikjarat ukoll mill-abbli avukat difensur tad-Direttur intimat li t-talba odjerna hija ghall-korrezzjoni ta' zball taht l-**artikolu 253(1) tal-Kap 16**. (fol 35). Ghalhekk ser tilqa' t-talba ghad-debita korrezzjoni.

Riferibbilment ghall-kap tal-ispejjez, r-rikorrent irrinunzja ghat-talba dwar il-kap tal-ispejjez (fol 35), u fid-dawl tal-fatt li ma giex ippruvat li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess intimat, l-ispejjez ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba *stante* li din il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 diga saret, kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati, tiddisponi mit-talbiet u eccezzjonijiet rimanenti kif gej:

Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent billi taht l-intestaturi "Isem u Kunjom u Post tat-

twelid tal-Missier" u taht "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kunjom 'Xerri' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Scerri';

Tilqa' t-tielet talba u tordna li *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta li l-korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registru u ssir wkoll referenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**